**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 773/21**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**Vs**

**David Gruppetta**

**Illum 18 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **David Gruppetta**, iben Silvio u Rita neè Saliba, imwieled il-Pietà fit-2 ta' Jannar 1997 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 11597(M), talli nhar is-6 ta' Frar 2021, f'xi ħin bejn is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs) u t-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) f'dawn il-Gżejjer:

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt, cioè li mingħajr il-ħsieb li jotqol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Shaun Robert O'Neill f'perikolu ċar, jikkaġuna ħsara ta' natura ġravi u permanenti fil-ġisem tiegħu, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix elfejn u ħames mitt Euro (€2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250) u saret għad-dannu ta' Shaun Robert O'Neill;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Shaun Robert O'Neill biża' li se tintuza vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti aħwa jew familjari oħra tiegħu;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, saq vettura ta' għamla Smart ForFour bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACL-213 b'manjiera perikoluża;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) tipprovdi għas-sigurtà ta' Shaun Robert O'Neill, jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku, jew għall-iskop tal-protezzjoni tiegħu u l-familjari tiegħu, minn fastidju jew imġieba oħra, li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, billi toħroġ

Ordni ta' Protezzjoni favur Shaun Robert O'Neill u l-familjari tiegħu ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-Liġi, tordna l-iskwalifika ta' kull liċenza tas-sewqan ta' David Gruppetta għal dak il-perijodu li jidhrilha xieraq;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 u 4 tal-proċess;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Andrew Agius[2] u ta' PS408 Mark John Schembri[3] mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Jannar 2022 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Andrew Agius markati Dok. "AGX" sa' Dok. "AGX25" a fol. 17 sa' 46 tal-proċess, u d-dokument esebit minn PS408 Mark John Schembri markat Dok. "MJS" a fol. 50 sa' 52 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Shaun Robert O'Neill mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Frar 2022[4] u x-xhieda ta' Dr. Christopher Spiteri, in rappreżentanza ta' Transport Malta, mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu 2022[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CS1" u Dok. "CS2" a fol. 65 sa' 70 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' ex-PC900 Stephen Mifsud[6], ta' PC92 James Zammit[7] u ta' Brian Farrugia[8], in rappreżentanza ta' Transport Malta, mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' April 2022 u rat id-dokument esebit minn Brian Farrugia markat Dok. "BF" a fol. 80 sa' 83 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephen Cachia, in rappreżentanza ta' Transport Malta, mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2022[9] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "SC" a fol. 87 sa' 89 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Maryanne Zammit mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2023[10] u rat is-Social Inquiry Report imħejji minnha fir-rigward ta' l-imputat markat Dok. "MZ" a fol. 100 sa' 118 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Ethel Felice mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Lulju 2023[11] u x-xhieda ta' Conrad Chetcuti, in rappreżentanza ta' Central Insurance Brokers Limited, mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Settembru 2023[12];

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 3 ta' Ġunju 2022[13], permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol. 9 tal-proċess.

[2] Fol. 10 sa' 16 tal-proċess.

[3] Fol. 47 sa' 49 tal-proċess.

[4] Fol. 57 sa' 60 tal-proċess.

[5] Fol. 63 u 64 tal-proċess.

[6] Fol. 74 sa' 76 tal-proċess.

[7] Fol. 77 u 78 tal-proċess.

[8] Fol. 79 tal-proċess.

[9] Fol. 86 tal-proċess.

[10] Fol. 98 u 99 tal-proċess.

[11] Fol. 122 sa' 125 tal-proċess.

[12] Fol. 127 u 128 tal-proċess.

[13] Fol. 91 tal-proċess.

- Fl-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 15(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2022 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jinstema' bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli[14];

Rat li b'Digriet datat 14 ta' Frar 2023, fuq talba tad-Difiża ġie ordnat li jitħejja Social Inquiry Report fir-rigward ta' l-imputat[15];

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar is-6 ta' Frar 2021, f'xi ħin bejn 19:00hrs u 20:00hrs f'dawn il-Gżejjer: (1) bil-ħsieb li jagħmel delitt, cioè li mingħajr il-ħsieb li jotqol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Shaun Robert O'Neill f'perikolu ċar, jikkaġuna ħsara ta' natura ġravi u permanenti fil-ġisem tiegħu, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu; (2) u aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix €2,500, iżda hija iżjed minn €250 u saret għad-dannu ta' Shaun Robert O'Neill; (3) u aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Shaun Robert O'Neill biża' li se tintuza vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti aħwa jew familjari oħra tiegħu; (4) u aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, saq vettura ta' għamla Smart ForFour bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACL-213 b'manjiera perikoluża.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 3 ta' Ġunju 2022[16], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 15(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

[14] Fol. 92 tal-proċess.

[15] Fol. 95 tal-proċess.

[16] Fol. 91 tal-proċess.

**L-Ispettur Andrew Agius**[17] xehed illi *nhar is-6 ta' Frar 2021, għall-ħabta tat-tmienja neqsin kwart il-Pulizija ta' l-Għassa ta' Birkirkara ġew infurmati li kien hemm argument bejn żewġ persuni ġewwa ż-żona industrijali ta' San Ġwann. Il-Pulizija distrettwali mill-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara rrikorrew immedjatament fuq il-post fejn sabu vettura ta' l-għamla Nissan Juke bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CCC-405 u vettura tat-tip Smart ForFour bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACL-213, it-tnejn maħbuta. Fuq il-post kien hemm ukoll David Gruppetta, detentur tan-numru ta' l-Identità 11597M, ix-xufier tal-vettura Smart ForFour u Shaun Robert O'Neill, detentur tal-Karta ta' l-Identità 59042A, ix-xufier tan-Nissan Juke. David Gruppetta stqarr li waqt li l-argument beda fejn ir-roundabout ta' fejn l-Isptar Mater Dei fejn din in-Nissan Juke ħarġet quddiemu waqt li kien qed idur mar-roundabout, wara li ħallietu jaqbiżha, baqgħet issuq warajh sa' fejn il-Yufu Restaurant fejn huwa kien mar għax kellu l-ikel ordnat. David kompla jistqarr mal-Pulizija li x-xufier tan-Nissan Juke ħareġ mill-vettura tiegħu, mexa lejn il-vettura ta' David u fetaħlu l-bieba fejn David saq u laqat in-Nissan Juke. Minn naħa tiegħu Shaun Robert O'Neill li kien qed isuq in-Nissan Juke, ikkonferma li wara li kien ħareġ fuq ir-roundabout ta' l-Isptar Mater Dei huwa ħalla x-xufier ta' l-iSmart ForFour jaqbżu imbagħad saq għal warajh. Shaun kompla jistqarr li meta waqqfu bdew jgħajjtu ma' xulxin u peress li ma bediex jisma' x'kien qed jgħidlu x-xufier l-ieħor, huwa ħareġ mill-karozza u x-xufier ta' l-iSmart ForFour dawwar u saq għal fuqu fejn laqatlu l-karozza fuq in-naħa tax-xufier u huwa kellu jwarrab min-nofs sabiex ma jolqtux. Shaun żied jgħid li x-xufier ta' l-iSmart ForFour reġa' dawwar u reġa' saq għal fuqu fejn reġa' laqaltu l-karozza. Minn hemmhekk tlabna għall-filmat tal-Yufu Restaurant u fih tidher il-vettura tat-tip Smart ForFour issuq fuqu u tolqot il-vettura ta' l-għamla Nissan Juke darbtejn, fejn it-tieni darba jidher Shaun Robert O'Neill iwarrab min-nofs eżatt qabel ma ntlaqtet il-karozza tiegħu.* L-Ispettur Agius ippreżenta l-filmat in kwistjoni bħala Dok. "AGX"[18] kif ukoll numru ta' stills markati Dok. "AGX1" sa' Dok. "AGX22"[19].

L-Ispettur xehed ulterjorment illi *David Gruppetta, li qed nagħrfu hawn ġew din l-Awla, ġie mitkellem ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara wara li ġie mogħti is-solitu twissija u drittijiet, u fil-presenza ta' l-Avukat tiegħu Dr. Anthony Farrugia, fejn ikkonferma d-data, il-ħin u l-lok ta' l-inċident, stqarr li dakinhar ta' l-inċident kien hu x-xufier tal-vettura tat-tip Smart ForFour u li kellu xi jgħid max-xufier ta' l-imsemmi Nissan Juke iżda nnega li saq għal fuq ix-xufier tan-Nissan Juke.* L-istqarrija ta' l-imputat, flimkien ma' dokument li l-istess Gruppetta talab li jiġi anness ma' l-istqarrija tiegħu, ġew esebiti mill-Ispettur Agius bħala Dok. "AGX23"[20] u Dok. "AGX24"[21]. Huwa kompla jistqarr illi *ġie mitkellem ukoll Shaun Robert O'Neill wara li ġie mogħti s-solitu twissija u drittijiet fejn stqarr li meta waqaf fejn il-Yufu Restaurant kien ħareġ mill-vettura tiegħu u mexa sal-vettura ta' David Gruppetta fejn stqarr li jista' jkun li pprova jiftaħ il-bieba ta' David Gruppetta iżda me fetaħħilux* - kopja ta' l-istqarrija ta' Shaun Robert O'Neill ġiet esebita bħala Dok. "AGX25"[22].

In kontro-ezami l-Ispettur iddikjara li skond ma qal Shaun Robert O'Neill hekk kif ħareġ minn mar-roundabout ta' ħdejn l-Isptar Mater Dei, l-imputat bil-vettura tiegħu beda jagħmillu *tailgaiting*, jiġifieri beda jsuq viċin ħafna tiegħu. L-Ispettur qara direttament l-

[17] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Jannar 2022, fol. 10 sa' 16 tal-proċess.

[18] Fol. 17 tal-proċess.

[19] Fol. 18 sa' 39 tal-proċess.

[20] Fol. 40 sa' 42 tal-proċess.

[21] Fol. 43 tal-proċess.

[22] Fol. 44 sa' 46 tal-proċess.

istqarrija ta' Shaun Robert O'Neill, li tgħid hekk: *I was driving towards San Ġwann, I came onto the roundabout by Mater Dei Hospital, as I was going round the roundabout, the other car was tailgating me, I took the junction of the roundabout and drove towards the Industrial Estate and he was still tailgating me all the way. He was dangerously close so I put on the hazard lights and I pulled over to the side so that he could pass. As he passed, he had his window open and he shouted at me insults and abuse and I then continued towards the Industrial Estate, then turned left into a side street.* L-Ispettur ikkonferma li l-ewwel darba li l-imputat saq 'l hemm, meta hu u O'Neill kienu quddiem il-Yufu Restaurant, kien meta O'Neill niżel mill-vettura tiegħu u mar mal-bieba tal-vettura ta' l-imputat. L-imputat laqat il-vettura ta' O'Neill, reġa' ġie lura u saq b'mod li kieku O'Neill ma qabiżx fuq il-bonnet tal-vettura tiegħu l-imputat kien jolqtu, u hemm reġa' ħabat fil-vettura ta' O'Neill u l-Pulizija fil-fatt sabu l-vetturi kontra xulxin maħbutin.

**PS408 Mark John Schembri**[23] illi kien wieħed mill-uffiċjali tal-Pulizija li mar fuq il-post fejn kienu l-vetturi ta' l-imputat u ta' O'Neill essenzjalment ikkonferma dak li qal l-Ispettur Agius dwar dak rapportat mill-imputat u minn O'Neill dwar l-inċident in kwistjoni. Huwa ppreżenta r-rapport tal-Pulizija dwar il-każ markat Dok. "MJS" a fol. 50 sa' 52 tal-proċess.

**Shaun Robert O'Neill**[24] xehed illi dakinhar ta' l-inċident *I was heading towards my girlfriend's apartment in San Gwann, I came onto the roundabout just about to drive onto the roundabout at Mater Dei and as I came onto the roundabout, a car came super close to me, ridiculously dangerously close to the side of my car as I was going around the roundabout. I drove off and drove towards San Gwann and as I came off the roundabout, the car literally, in English we call it tailgating, which is when someone is driving literally millimetres from your bumper and at that point I was like I want no part of this, I was literally 3 minutes away from my girlfriend's apartment at that point. So I just literally pulled over to the left and this guy in the car is screaming and shouting at me. I had no idea what I had done at this point so he drives up the road, turns left on the industrial estate and I was super curious and said "What have I done?" Like what would make someone go crazy at me? So I turn into the industrial estate where he was, my car was going in, his car was facing me, I got out of my car and I shouted to him and I said like "What the fuck did I do to you?". At that point I walked towards him because he was still shouting and I couldn't hear what he was saying and then he drove at me. He drove at me with his car and I was like towards the front part of my car and I had to put my hands on and jump up to basically stop my legs going crushed. The car then turned around at a 180 degree turn and then I turned to see where the car was and he basically took another charge at me and hit the back of my car and again I had to jump to avoid my legs crushed against my car. The car then went off, there was steam coming from it, the car was screaming and my car was smashed to bits, I immediately called the police obviously, the police turned up, took a couple of statement and disappeared and that was it.*

O'Neill ikkonferma li meta dar wara l-vettura ta' l-imputat u waqaf quddiem ir-restaurant, huwa niżel mill-vettura tiegħu u mar lejn il-vettura ta' l-imputat. Mistoqsi x'qal lill-imputat f'dak il-mument, O'Neill xehed *I said "What did I do to you to try and drive into my car?". You understand that I was driving up that road at normal speed 30 or 40 whatever the limit was and this guy is literally driving in the back of my car. If I hadn't pulled over, he would have smashed into the back of my car. I'm sorry but that is not normal and I want*

---

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Jannar 2022, fol. 47 sa' 49 tal-proċess.

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Frar 2022, fol. 57 sa' 60 tal-proċess.

*to find out why I've done that, it is intimidating but I'm not intimidated by what the person's going to do so I'm going to ask why.* Mistoqsi fejn kien jinsab l-ewwel darba li l-imputat saq 'l hemm u fejn kien it-tieni darba, O'Neill wieġeb *I was at the front of the car and that's where he drove straight on so the point of impact was just basically in front of the car and that's basically where I was standing and that's where I can put my hands on the bonnet of the car to lift myself over. If I hadn't, I wouldn't be standing here and I'm serious. If he had hit me, I would be disabled on a wheelchair and he would have hit me twice, this is insane.* Dwar it-tieni darba xehed *I was like towards the rear of the car at that point because he had turned around so I had to turn around that way to see where he was going and I had basically taken a metre or two steps to the rear of the car and that's when he drove at me.*

Għalkemm Shaun Robert O'Neill ma setgħax jagħraf lill-imputat bħala x-xufier tal-vettura Smart ForFour bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACL-213 dakinhar ta' l-akkadut, huwa fatt inkontestat li kien l-imputat li kien qed isuq, hekk kif joħroġ ċar anke mill-istqarrija tiegħu. In oltre l-**ex Surġent Steve Mifsud**[25] u **PC92 James Zammit**[26], entrambe għarfu lill-imputat bħala x-xufier ta' l-imsemmija vettura dakinhar ta' l-inċident. Mix-xhieda ta' **Stephen Cachia**[27], in rappreżentanza ta' Transport Malta, jirriżulta wkoll li l-vettura ta' l-għamla Smart ForFour bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACL-213 hija reġistrata f'isem l-imputat[28].

Għalkemm ukoll fix-xhieda tiegħu O'Neill stqarr illi l-ħsarat kawżati mill-imputat fil-vettura tiegħu jammontaw għal madwar €4,500, mix-xhieda ta' **Conrad Chetcuti**[29], in rappreżentanza ta' Central Insurance Brokers Limited, l-assikurazzjoni ta' l-imputat, jirriżulta li O'Neill tħallas is-somma ta' €2,500 għall-ħsarat minnu mġarrba.

**L-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

**L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat -** bl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih l-imputat qed jiġi mixli bir-reat ta' tentattiv ta' offiża gravi fuq il-persuna ta' Shaun Robert O'Neill. Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 3 ta' Ġunju 2022[30], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216, 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' imputazzjoni ta' din in-natura, il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Sandro (Alexander) Chetcuti**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Settembru 2013, fejn ingħad: *jingħad qabel xejn illi sabiex jissussisti r-reat ta' l-offiża volontarja, hi meħtieġa l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara. "Jekk l-intenzjoni ta' l-aġent tkun li jagħmel ħsara, żgħira kemm hija żgħira dik il-ħsara li jkollu f'moħħu li jagħmel, hu irid iwieġeb għall-konsegwenzi kollha li effettivament jirriżultaw bħala konsegwenza diretta ta' l-għemil tiegħu" (ara sentenza Il-Pulizija v. Emanuel Zammit, deċiża Appell Kriminali 30/03/1998). Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif ġie sottolinjat huwa biżżejjed illi l-intenzjoni tkun waħda ġenerika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax*

[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' April 2022, fol. 74 sa' 76 tal-proċess.

[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' April 2022, fol. 77 u 78 tal-proċess.

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Mejju 2022, fol. 86 tal-proċess.

[28] Vide wkoll Dok. "SC" a fol. 87 sa' 89 tal-proċess.

[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Settembru 2023, fol. 127 u 128 tal-proċess.

[30] Fol. 91 tal-proċess.

*ikun hemm tentattiv ta' offiża gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn jgħid: "the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible" (Notes on Criminal Law), iżda imbagħad iżid "Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo". Illi wkoll fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika v. Domenic Briffa, deċiża fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti ċċitat lill-awtur Francesco Anolisei fit-tul: "Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiża gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tiegħu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffrè (Milano) nona edizione, 1986) igħid f'paġna 79: "Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non è dubbio e per covincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non è consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non può sodisfare, non soltanto perchè trascura marcate differenze che esistono nella realtà, ma anche perchè assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignità, trattamento che contrasta nel modo più stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di ciò si è reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilità del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravissima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tal' accertamento il giudice non può pervenire, egli adempierà il suo compito, applicando - come è logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo". U kkonkludiet: "Din il-Qorti tara li dana l-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem ġiet aċċettata mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali tagħna, u cioè li jista' jkollok tentattiv ta' offiża gravi jew tentattiv ta' offiża gravissima, purchè jiġi pruvat li l-aġent kellu l-intenzjoni speċifika li jikkaġuna xi waħda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiża gravi jew l-offiża gravissima skond il-każ. Hekk, per eżempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna ssawwat mara tqila bl-intenzjoni speċifika li ġġiegħelha teħles qabel iż-żmien jew bl-intenzjoni speċifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-ħsieb tagħha (u salv l-elementi l-oħra kollha tat-tentattiv) huwa konċepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiża gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiża gravissima fit-tieni lok". Illi kif diga ngħad fil-każ ta' offiża volontarja, l-intenzjoni ġenerika sabiex wieħed jagħmel ħsara hija biżżejjed, iżda fil-każ tat-tentattiv tar-reat ta' l-offiża ġravi jew gravissima l-prosekuzzjoni jeħtieġilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkużata kellha l-intenzjoni speċifika illi tikkaġuna ħsara gravi lill-vittma.*

Fil-fehma tal-Qorti l-prova ċentrali fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari huwa l-*footage* esebit mill-Ispettur Andrew Agius markat Dok. "AGX" a fol. 17 tal-proċess.

Minn dan il-*footage* tirriżulta din is-sekwenza ta' fatti:

- Tasal il-vettura ta' l-għamla Smart ForFour bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACL-213, dakinhar misjuqa mill-imputat, u tieqaf kważi quddiem ir-restaurant;
- Wara ftit sekondi tasal it-tieni vettura, ossia n-Nissan Juke misjuqa minn O'Neill, u tieqaf eżatt biswit il-vettura ta' l-imputat iżda tħares fid-direzzjoni opposta;
- Jinstema' raġel jgħajjat bl-Ingliż b'mod irrabjat;
- Il-vettura Smart ForFour f'daqqa waħda ssuq 'l quddiem u tolqot il-vettura Nissan Juke, tant illi tinstema' d-daqqa sew;
- Jinstema' it-tieni raġel jgħajjat ukoll bl-Ingliż, b'mod irrabjat;
- O'Neill jidher barra l-vettura tiegħu lejn in-naħa ta' quddiem;
- F'daqqa waħda tiġi l-vettura Smart ForFour issuq lejn O'Neill u dan jidher jersaq jgħaġġel min-nofs;
- L-imputat jidher jsuq 'l quddiem, jagħmel U-Turn u jerġa' jiġi lejn in-Nissan Juke.
- F'dan il-ħin il-filmat jieqaf.

Fil-fehma tal-Qorti minn dan il-filmat ftit li xejn għandu jkun hemm dubju li meta l-imputat reġa' saq lejn O'Neill, wara li kien telaq u laqatlu l-karozza fil-proċess, effettivament saq għal fuq O'Neill u kieku dan ma resaqx min-nofs kien jolqtu f'saqajh u jtarju. Il-Qorti tqis li hawn l-imputat kellu l-intenzjoni speċifika li jolqot u jtajjar lil O'Neill u kieku rnexxa fl-intenzjoni tiegħu, ossia li jolqtu f'saqajh u jtarju, intenzjoni li ma seħħx biss għaliex O'Neill resaq min-nofs, kien jikkawża lill-istess O'Neill ferita ta' natura gravi kif previst fl-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Id-Difiża tikkontendi li kemm-il darba l-Qorti kellha ssib ħtija fl-imputat għal dan l-ewwel reat dedott fil-konfront tiegħu, f'dan il-każ għandu japplika dak provdut fl-Artikolu 230(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Liġi essenzjalment jipprovdi li: *L-offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli ... jekk tkun ipprovokata minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna.*

Il-Qorti assolutament ma taqbilx li l-aġir ta' l-imputat fil-konfront ta' Shaun Robert O'Neill, ossia meta saq għal fuqu bil-vettura tiegħu, huwa b'xi mod skużabbli. Fl-ewwel lok ma hemm l-ebda prova in atti li O'Neill wettaq jew ittenta jwettaq delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna ta' l-imputat. Huwa veru li O'Neill mar wara l-imputat biex jikkonfrontah u għas-sodisfazzjoni u huwa veru wkoll li O'Neill niżel mill-vettura tiegħu u mar lejn il-vettura ta' l-imputat iżda lill-imputat fl-ebda ħin u bl-ebda mod ma missu. L-unika ħaġa li tirriżulta mill-provi prodotti huwa li O'Neill kellem lill-imputat b'mod agressiv, iżda tali aġir ma jistax jitqies bħala delitt, imma se mai aġir ta' natura kontravvenzjonali.

Raġuni oħra għalfejn l-aġir ta' l-imputat ma jistax jitqies bħala skużabbli hija li l-imputat saq għal fuq O'Neill wara li huwa kien già saq minn fejn kien ipparkjat quddiem ir-restaurant. Kif ingħad, mill-*footage* l-imputat jidher jitlaq minn ma' ġemb il-vettura ta' O'Neill u fil-proċess jolqot il-vettura, iżda ftit sekondi wara jerġa' jiġi u jsuq, deliberatament, fid-direzzjoni ta' l-imputat bl-iskop li jolqtu u jtajru.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat għall-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat** - bit-tieni imputazzjoni dedotta kontrih l-imputat qed jiġi mixli bir-reat ta' ħsara volontarja a dannu ta' Shaun Robert O'Neill, liema ħsara ma tiskorrix is-somma ta' €2,500 iżda tiskorri s-somma ta' €250. Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 3 ta' Ġunju 2022[31], l-Avukat Ġeneral bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Li l-imputat laqat il-vettura ta' O'Neill iktar minn darba jirriżulta b'mod ċar mill-*footage* esebit bħala Dok. "AGX" a fol. 17 tal-proċess. Li l-imputat għamel ħsara fil-vettura ta' O'Neill jirriżulta wkoll mill-fatt illi l-assikurazzjoni ta' l-imputat, Central Insurance Brokers Limited, ħallsu lil O'Neill is-somma ta' €2,500 wara claim li għamel l-istess imputat. Id-Difiża targumenta però li filwaqt li t-tieni darba li l-imputat laqgħat il-vettura ta' O'Neill, dak seta' sar b'mod volontarju, l-ewwel darba li huwa laqtu ma kienx b'mod volontarju iżda se mai b'mod involontarju għaliex l-imputat telaq minn fuq il-post minħabba l-aġir aggressiv ta' O'Neill lejh.

Li O'Neill mar wara l-imputat biex jikkonfrontah u għas-sodisfazzjoni huwa ċar u evidenti iżda, il-Qorti ma tqisx li l-aġir ta' l-imputat kien b'xi mod jikkwalifika bħala aġir involontarju. Fil-fehma tal-Qorti kull darba li l-imputat laqat il-vettura ta' O'Neill, dan għamlu b'mod għal kollox volontarju u biex jikkaġuna ħsara lill-istess vettura. Kieku l-imputat telaq minn fuq il-post l-ewwel darba li saq minn ma ġenb il-vettura ta' O'Neill u ma reġax ġie lura, il-Qorti kienet temmen li d-daqqa fil-vettura ta' O'Neill dik l-ewwel darba kienet involontarja iżda meta l-imputat hekk kif telaq u laqat il-vettura ta' O'Neill, mill-ewwel reġa' ġie lura, ipprova jtajjar lil O'Neill u reġa' saq għal ġol-vettura ta' O'Neill, il-Qorti tqis li diffiċilment tista' treġi d-difiża ta' l-imputat li l-ewwel daqqa fil-vettura ta' O'Neill saret b'mod involontarju.

Bil-provi prodotti, u b'mod partikolari bil-*footage* esebit bħala Dok. "AGX" a fol. 17 tal-proċess, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati tar-reat ta' ħsara volontarja a dannu ta' Shaun Robert O'Neill, liema ħsara tammonta għal €2,500.

**It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat -** bit-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli li bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Shaun Robert O'Neill biża' li se tintuza vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti aħwa jew familjari oħra tiegħu. Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 3 ta' Ġunju 2022[32], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' dan ir-reat partikolari ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Andrè Attard**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Marzu 2019, fejn ġie osservat illi *f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Raymond Parnis" (per Prim' Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni eżawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-harassement taħt dina id-disposizzjoni tal-liġi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha fil-fatt tissottolinja il-fatt illi l-kelma "imġieba" fit-test tal-liġi timplika "a course of conduct" u mhux xi inċident wieħed iżolat. Il-Qorti tistqarr: … illi dawn l-affarijiet kollha li seħħew fil-kuntest ta' inċident wieħed –*

[31] Fol. 91 tal-proċess.

[32] Fol. 91 tal-proċess.

*ma jistgħu qatt jammontaw għar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat ġie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B tagħna – u hawn il-Qorti ser tuża t-test Ingliż proprju biex wieħed ikun jista' jara x-xebħ u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tiegħu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…". Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax iseħħ f'okkazjoni waħda iżda jrid ikun hemm għall-anqas żewġ okkażjonijiet – proprju kif jingħad fil-matriċi Ingliża, "on at least two occasions". Għal xi raġuni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illoġika – il-kliem "on at least two occasions" tħallew barra. Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008: "How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct … It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…" Din il-Qorti mhix ser tipprova tagħti definizzjoni eżawrienti ta' x'jammonta għal "course of conduct" għall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka każijiet, anke jekk biss bħala forma ta' eżempju, li jammontaw jew ma jammontawx għal tali "imġieba", ħaġa li trid tiġi deċiża minn każ għal każ skond iċ-ċirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doża qawwija ta' saġġezza min-naħa tal-ġudikant. Dak li qed jiġi deċiż f'din il-kawża hu biss li inċident wieħed (u, per di più, ta' minuti) ma jammontax għal "course of conduct" għall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tiġi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun ġiet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tiġi punita taħt disposizzjonijiet oħra tal-liġi." Illi l-ligi għalhekk titkellem dwar "imġieba", a course of conduct, u minn dina l-esposizzjoni legali jirriżulta illi dan ir-reat ma jisussistix jekk dan ikun xi inċident iżolat.*

Il-każ in eżami kien każ iżolat li seħħ bejn tnejn min-nies li assolutament ma kienux jafu lil xulxin. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk huwa evidenti li l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Ir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat** - bir-raba' imputazzjoni dedotta kontrih l-imputat qed jiġi mixli bir-reat ta' sewqan tal-vettura ta' l-għamla Smart ForFour bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACL-213, b'manjiera perikoluża. Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 3 ta' Ġunju 2022[33], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' dan ir-reat partikolari, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Grech**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar 2007, fejn

[33] Fol. 91 tal-proċess.

ingħad: *kif ġie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Alfred Mifsud deċiż fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet: Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalità tas-sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt ... bħala sewqan bi traskuraġni kbira. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu miħabba l-probabbilità ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.* ***Sewqan perikoluż (dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjetà tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalità ta' l-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel[34].*** *... U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Mario Gellel deċiż fid-19 ta' Frar 2004: "... kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont, jew (iii) perikoluż hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. v. Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. v. Wilson [Vol. XXXIX.iv.1018] u Pul. v. Alfred Vella [Vol. XLIV, p.933] u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjetà tagħhom (App. Krim. Pul. v. Hardingham, 19.10.1963).* ***Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' 'recklessness'*** *(App. Krim. Pul v. Charles Farrugia [Vol. XXXIX.iv.978]).* ***"Recklessness" ġiet definita bħala "wilfully shutting one's eye"[35]*** *(App. Krim. Pul. v. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul v. Antonio Spiteri [Vol. XLIV.iv.892]).*

Meta ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jiġu kkunsidrat fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi appena ċitati dwar sewqan perikoluż, il-Qorti tqis li s-sewqan ta' l-imputat fil-ħin li hu u O'Neill kienu bil-vetturi tagħhom quddiem Yufu Restaurant, ma jistax għajr li jitqies bħala sewqan perikoluż.

Kif già osservat iktar 'l fuq, l-imputat ma jistax jargumenta b'suċċess li huwa laqgħat il-vettura ta' O'Neill involontarjament għaliex kien qed jitlaq minn fuq il-post minħabba l-aġir aggressiv ta' l-istess O'Neill. Kif ingħad din kienet tkun difiża li tista' tiġi ikkunsidrata biss kemm-il darba l-imputat ma reġax dar, saq għal fuq O'Neill bl-iskop evidenti li jtajru u jaħbat fil-vettura tiegħu għal darb' oħra.

F'dan il-każ l-imputat evidentement uża l-vettura tiegħu bl-iskop u intenzjoni speċifiċi li jagħmel ħsara lil O'Neill u lill-vettura tiegħu, intenzjoni din li kjarament tirrendi s-sewqan tiegħu sewqan perikoluż.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati tar-reat ta' sewqan perikoluż bil-vettura ta' l-għamla Smart ForFour bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACL-213.

**Difiża ta' *diminished responsibility*:**

---

[34] Enfasi tal-Qorti.

[35] Enfasi tal-Qorti.

Id-Difiża talbet li jitħejja Social Inquiry Report fir-rigward ta' l-imputat, liema rapport tħejja mill-Uffiċjal tal-Probation Maryanne Zammit u ġie esebit bħala Dok. "MZ" a fol. 100 sa' 118 tal-proċess. Fir-rigward l-**Uffiċjal tal-Probation Maryanne Zammit**[36] xehdet illi *mis-sinteżi ta' l-informazzjoni illi nġabret jidher illi David Gruppetta ġej minn familja stabbli ħafna u għandu ħafna rispett mill-familja, qiegħed jissielet ukoll biex iżomm l-impjieg biex jaħdem u jidher li qed jgħix ħajja normali. Li qisu huwa daqsxejn ta' concern u ġie identifikat f'din l-informazzjoni hija l-użu tal-kannabis kif ukoll, għalkemm huwa ġuvni kalm, meta jkun taħt pressure, qisu jitlef il-kontroll, jiġi impulsiv u qisu għandu problema biex jirreaġixxi mir-rabja. Huwa wkoll jinsab taħt il-kura tal-Psikjatra Dr. Ethel Felice, fejn qed tarah b'mod privat, qed tagħtih ċertu medication u jiena kellimtha wkoll. Barra minnhekk ukoll, il-problema ta' l-awtiżmu ġiet ikkonfermata minn Dr. Ethel Felice .... Għaldaqstant bħala pjan ta' kura, jiena qed nagħti indikazzjoni sabiex il-Qorti tkun iktar ċara u kawtela f'din is-sitwazzjoni vis-à-vis dan il-każ u forsi jinħatar assessment psikoloġiku jew psikjatriku sabiex ikun hemm iktar kjarifika u direzzjoni fil-konfront u anke kemm għall-ġid tal-komunità u kemm għall-ġid tiegħu ukoll. Dan anke fid-dawl illi hu juża ħafna trasport, il-karozza għax-xogħol tal-kumpanija tal-familja.*

**Dr. Ethel Felice**[37], il-Psikjatra kuranti ta' l-imputat, xehdet illi *ilni naf lil David Gruppetta mill-2018, kien ġie jarani il-klinika San Ġużepp privat, u dan baqa' jiġi regolari għar-reviews. Meta rajtu kien stabbli, dan għandu diagnosis ta' autism u kien functional, jiġifieri seta' jaħdem iżda ovvja jkun hemm ċertu affarijiet li jsibhom diffiċli biex jagħmel. Dan kien ukoll fuq il-kura, u l-kura kien jeħodha regolari u dejjem kien jiġi regolari u fil-ħin għall-appuntamenti.* Dwar il-kundizzjoni ta' l-autism djanjostikata lill-imputat, Dr. Felice stqarret li din hija *a neurodevelopment disorder ... li tibda from childhood u tibqa' miegħek ovvja, hemm ċertu nuqqasijiet iżda dawn in-nuqqasijiet ma jagħmluhx disbaled, fis-sens li għandu intelletwal, intellectually għandu IQ għolja, iżda jkun hemm diffikultajiet oħra, waħda mid-diffikultajiet li jkollhom hija social communications, fejn dawn ikollhom diffikultà biex jifhmu u jużaw verbal, per eżempju non-verbal communication jiġifieri jkollhom diffikultà biex huma jifhmu l-body language, biex jifhmu facial expressions, dawn huma d-diffikultajiet tagħhom, ukoll huma għandhom sensory sensitivity jsiru sensittivi ħafna għal sensory stimuli, per eżempju d-dawl, ħafna storbju u anke textures, jiġifieri dawn meta jkun hemm per eżempju nidħlu f'supermarket jkun hemm ħafna storbju, għalina xejn m'hi xejn imma jistgħu jiġu anke huma overwhelmed jew jaraw a bright light jew ikun hemm xi ħaġa li hija overwhelming, dawn għalihom hija tant overwhelming li jkunu emotional anxiety, bħal depression, anything can happen, jiġifieri l-emozzjonijiet tagħhom hemm qegħdin, imma they become overwhelmed. ... jiġifieri, jien naf, jidħlu f'kamra kollha storbju, l-istorbju stess ma jkunux jifilħuh. It is I mean, anke għalina nidħlu kultant imma dawn jaqbduhom ansjetà kbira, jistgħu imbagħad anke min ikollu depression, jiġifieri l-emozzjonijiet hemm ikunu wkoll. U oħra li jkollhom challenges, l-executive function li nsibuhom ukoll fl-ADHD, planning, organisation u l-iktar ħaġa wkoll li taffettwahom huwa l-impulsivity, jkun hemm a high impulsivity allura although ikunu of a high level of intelligence, kif inhu David, David is very intelligent, jkun hemm dawn id-deficits li jistgħu jaffettwawhom in their daily lives. They are minimal in a way, imma they could be overwhelming to them because ma jkollhomx il-fakultà to be able to deal with it as normally.*

---

[36] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' April 2023, fol. 98 u 99 tal-proċess.

[37] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Lulju 2023, fol. 122 sa' 125 tal-proċess.

Fir-rigward ta' reazzjonijiet meta persuna b'din il-kondizzjoni tħossha overwhelmed, Dr. Felice stqarret *jista' jkun differenti, hawn min tant jiġi overwhelmed li jiffriża, hawn min juża l-fight to flight reaction fejn jaħarbu mill-post, hawn min isir anzjuż ħafna, jiġifieri r-reazzjoni tagħhom hija emotional.* Stqarret ukoll li dawn ir-reazzjonijiet *jkunu eċċessivi, jista' jkunu … kbar ħafna imma ma jaslux li jweġġħu lil xi ħadd jew xi ħaġa hekk ta, imma huma jbatu ħafna.* Dwar il-kura ta' l-imputat, Dr. Felice xehdet illi *David minn dejjem kien jieħu l-kura, kien dejjem compliant u waħda mill-affarijiet li nużaw ħafna fl-austim biex nikkontrollaw naqra dawn is-sensory overload li jkollhom huwa a neuroleptic olanzapine. Kien qed jieħu olanzapine tal-five u kien hemm żmien ukoll meta kien isir naqra depressed, ma jkollux enerġija, ma jkollux motivazzjoni u hemmhekk kien jieħu anti-depressants ukoll, imma dejjem kien jiġi, dejjem kien regolari u qatt ma kien hemm problemi. Daqqa kien jiġi ma' missieru jiġifieri u daqqa waħdu ħafna drabi wkoll.*

Fuq mistoqsija tal-Qorti *persuna bħal David fl-istat tiegħu, jekk ikun ikkonfrontat f'sitwazzjoni ta', ejja ngħidu aggressività jew aġitazzjoni jew ta' inċident jew ta' provocation, kif jirreaġixxi?* Dr. Felice wieġbet *dan jekk ikun provokat jew it is too much għalih, there's sensory overload, then he can react in a way to protect himself. Jiena kont kellimtu wkoll fuq l-inċident, waħda milli għamel kien li jċempel il-Pulizija, you know there are ways and means u meta jiġi kkonfrontat for him it's a very big deal, I mean ma jistax jibqa', kultant diffiċli biex jibqgħu kalmi għax m'għandhomx dik il-kapaċità li jibqgħu normali. … Tista' toħroġ l-impulsività,* li skond Dr. Felice tiskatta proprio minħabba l-kondizzjoni li għandu l-imputat.

A bażi ta' dak li ħareġ mix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Maryanne Zammit u mis-Social Inquiry Report imħejji minnha, u mix-xhieda ta' Dr. Ethel Felice, id-Difiża issollevat id-difiża tad-*diminished responsibility* ta' l-imputat.

Fir-rigward ta' tali difiża l-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omissis**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-27 ta' April 2022: *dak li kellu jiġi stabbilit kwindi fil-każ taħt il-lenti tal-Qorti huwa l-presenza jew l-assenza tal-kapaċità ta' l-awtur tar-reat li jiddistingwi bejn it-tajjeb u l-ħażin fil-mument tal-kummissjoni tar-reat. Fil-fatt anke fil-każ ta' l-eżenzjoni maħsuba fl-artikolu 33 tal-Kodiċi Kriminali, mhux kull stat ta' ġenn jwassal lil persuna akkużata tibbenefika minnha, iżda biss dak l-istat ta' ġenn fis-sens legali billi jrid neċessarjament jiġi ppruvat li l-akkużat ma kienx jaf x'qed jagħmel u li dak li kien qed jagħmel kien ħażin. U allura għalkemm il-kapaċità mentali ta' l-appellat setgħat kienet waħda afflitta minn xi forma ta' diżabilità, dan ma jeżentahx awtomatikament mir-responsabbiltà penali sakemm ma jiġix ippruvat li huwa ma kienx konxju tal-fatt illi dak li kien qed jagħmel, b'referenza għall-aġir inkriminatorju minnu kommess, u mhux fl-astratt, kien moralment żbaljat u kontra l-Liġi. Illi huwa minnu li l-Ewwel Qorti rinfaċċjata b'persuna b'kapaċità intelletwali ta' tifel, u li ma kienx afflitt minn ebda mard mentali, fejn allura strettament jista' jkun li ma jaqa' taħt ebda waħda mid-diżposizzjonijiet tal-liġi imħaddna fit-Titolu II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar "Il-Volontà u l-Età tal-Ħati". Illi l-Professur Mamo fin-noti tiegħu fil-fatt jitkellem dwar il-kunċett ta' dritt li jeżisti fis-sistema kontinentali, iżda mhux dik Maltija ta' l-hekk imsejjaħ "semi-responsibility" jew "diminished responsibility": "It is well known that there is no clear-cut line between the sane and the insane. The two grade into each other as day passes into night, and between the two extremes are certain twilight conditions, not serious enough to render the victim irresponsible for crime not even to require his confinement as an insane person in a mental hospital, but nevertheless rendering him incapable of sound, calm judgement, especially under the conditions of stress at which crime may be resorted to. These borderline types of mental unsoundness are sometimes referred to as partial insanity,*

*which term, in connection with the subject we are now discussing means a mental impairment which is not so complete as to render its victim wholly irresponsible for his criminal acts. Now it has been sometimes argued that these border line cases of mental unsoundness, though not sufficient to come within the total exemption from criminal responsibility, should nevertheless serve as an extenuation of responsibility and reduce the punishment. These individuals, it is said may not be incapable of understanding the wrongfulness of their acts or of controlling their impulses, but they are less capable of doing so than normal persons, and the law should make allowance for this deficiency by punishing them less harshly than normal offenders". Illi għalkemm il-mediċina psikjatrika llum għamlet avvanzi kbar miż-żmien li kien qed jikteb il-kompjant Professur Mamo, madanakollu ma saret ebda bidla fil-liġi sabiex jiġi introdott dan il-kunċett ta' diminished responsibility applikabbli ghal dawk il-persuni adulti, li għalkemm ma humiex afflitti minn ebda mard mentali, madanakollu jbatu minn kundizzjonijiet oħra li jistgħu jaffettwawlhom il-kapaċità mentali tagħhom f'għajnejn il-liġi. Żgur, madanakollu, illi l-artikoli 35 u 37 tal-Kodiċi Kriminali ma jistgħux jiġu reżi applikabbli meta l-persuna akkużata hija adulta u mhux ta' l-età indikata fl-imsemmija disposizzjonijiet tal-liġi.*

Fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi appena ċitati u fid-dawl ta' dak li jirriżulta, kif ingħad, mix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Maryanne Zammit u s-Social Inquiry Report imħejji minnha u mix-xhieda ta' Dr. Ethel Felice, il-Qorti tqis li fil-każ in eżami filwaqt li l-imputat għandu jerfa' r-responsabilità kriminali għall-aġir tiegħu, hemm lok ta' temperament fil-piena imposta fuq l-imputat minħabba l-kondizzjoni ta' awtiżmu li ibagħti minnha.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati mwettqa mill-imputat u li tagħhom qed jinstab ħati, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta, li t-tieni u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u li, kif ingħad, fil-każ in eżami hemm lok għal temperament tal-piena minħabba l-kondizzjoni ta' l-awtiżmu li l-imputat ibagħti minnha.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat u ikkunsidrat l-Artikoli 31, 41(1)(a), 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(d)(2) u 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' disa' (9) xhur priġunerija iżda, peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u għandu kundizzjoni li tagħti lok għal *diminished responsibility*, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' disa' (9) xhur priġunerija hawn impost fuq l-imputat għal perijodu ta' sena (1) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiskwalifika lill-imputat milli jkollu liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' sena (1) mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Superviżjoni u dana għall-perijodu ta' sena (1) mil-llum u taħt il-kondizzjonijiet u termini imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u kopja ta' l-Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum stess jiġu notifikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(9) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tavża lill-imputat li jekk tul il-perijodu li fih ikun fis-seħħ l-Ordni ta' Superviżjoni mogħti fil-konfront tiegħu llum, huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma xi ħtieġa ta' dan l-istess Ordni, f'każijiet serji u ripetuti s-sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'din is-sentenza u li fiha sar l-Ordni ta' Superviżjoni tibda sseħħ jew, mingħajr ħsara għall-kontinwazzjoni ta' l-Ordni ta' Superviżjoni, jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

Peress illi rriżulta li l-imputat għandu problema ta' abbuż tad-droga kannabis, liema abbuż ma huwiex ta' benefiċċju u għajnuna għall-kondizzjoni ta' l-awtiżmu li huwa jbagħti minnha, anzi jiggrava l-istess, hekk kif jirriżulta mill-informazzjoni mogħtija minn Dr. Ethel Felice lill-Uffiċjal tal-Probation Maryanne Zammit, il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' sentejn (2) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**